MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 827/2006

**Victor u Mary Grace konjugi Spiteri; u John Mary u Judy konjugi Cachia**

**vs**

**Lilian Abou Haidar Brincat;**
**B'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Novembru 2006, gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u P.L. Liliana Buhagiar bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Michel Melham Abou Haidar; u**
**B'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqghet it-talba biex jigu estromessi l-Kuraturi u jassumi l-atti fil-kawza l-esponenti Michel Melham Abou Haidar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Victor u Mary Grace konjugi Spiteri u John Mary u Judy konjugi Cachia, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Fil-11 ta’ Marzu 2004, l-esponent Victor Spiteri ta b’titolu ta’ self lill-konvenut Michel Melham Abou Haidar, zewg il-konvenuta Lilian Abou Haidar Brincat, is-somma ta’ tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) ghan-negozju, liema somma ghadha ma gietx imhallsa;

Fit-12 ta’ Dicembru 2002, l-esponent John Mary Cachia ta b’titolu ta’ self lill-istess konvenut Michel Melham Abou Haidar is-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) ukoll ghan-negozju, liema somma ghadha ma gietx imhallsa;

L-esponenti kienu gharrfu lill-konvenuta Lilian Abou Haidar Brincat bl-ammonti rispettivi dovuti minn zewgha l-konvenut;

Fil-5 ta’ Awwissu 2005, il-konvenuti dahlu fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali, in atti Nutar Ivan Barbara, u l-proprjeta’ li kellu l-konvenut Michel Melham Abou Haidar, u cioe’ n-nofs indiviz tal-enfitewsi temporanju tad-dar matrimonjali “Richard”, numru wiehed u ghoxrin (21), flat numru wiehed (1), Saint Joseph Street, San Gwann, flimkien ma’ kull ma hemm go fih, gew assenjati lil martu l-konvenuta (Ara Insinwa Numru 15748 tal-kuntratt tal-5 ta’ Awwissu 2005 – Dok. “A” hawn unit).

Dan sar in mala fede, a pregudizzju u bi frodi tad-drittijiet tal-esponent qua kredituri tal-konvenut.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-kuntratt ta’ separazzjoni personali hawn fuq imsemmi ppubblikat fil-5 ta’ Awwissu 2005 in atti Nutar Ivan Barbara u li in forza tieghu, il-konvenut Michel Melham Abou Haidar assenja lil martu l-konvenuta Lilian Abou Haidar Brincat l-unika proprjeta’ li kellu u cioe’ n-nofs indiviz tal-enfitewsi temporanja tad-dar matrimonjali “Richard”, numru 21 Flat 1, Saint Joseph Street, San

Gwann, flimkien ma' kull ma hemm go fiha, sar in mala fede, u bi pregudizzju u bi frodi tad-drittijiet tal-esponenti kif fuq inghad, u ghalhekk ma jiswiex.

Thassar, in toto jew in parte, l-istess kuntratt u l-effetti tieghu.

Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' thassir, tahtar Nutar sabiex jippubblika l-istess att, u kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci.

Tikkundanna lill-konvenut Michel Melham Abou Haidar ihallas lill-esponenti Victor u Mary Grace konjugi Spiteri s-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) rapprezentanti flus mislufa lilu kif fuq inghad.

Tikkundanna lill-konvenut Michel Melham Abou Haidar ihallas lill-esponenti John Mary u Judy konjugi Cachia s-somma ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) rapprezentanti flus mislufa lilu kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Mejju 2006, tal-Mandat ta' Deskrizzjoni u tal-Bandu ta' kuraturi prezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-self imsemmi kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta guramentata ta' Lilian Abou Haidar Brincat u Michel Melham Abou Haidar, li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda in toto stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Mhux minnu li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-konjugi Abou Haidar datat 5 ta' Awwissu 2005, fl-atti tan-Nutar Ivan Barbara sar b'xi mala fede. L-imsemmi kuntratt huwa validu stante li l-partijiet isseparaw ghal ragunijiet validi fil-ligi, dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza odjerna.

Ghalhekk, l-ewwel tliet talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bi spejjez kontra l-istess atturi.

Rigward ir-raba' u l-hames talba huwa minnu li l-konvenut Michel Melham Abou Haidar kien issellef is-somom indikati mill-atturi izda mindu giet intavolata l-kawza, il-partijiet lahqu ftehim u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti kif indikati mhux dovuti stante li saru bosta pagamenti mill-konvenut. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut innegozja mal-atturi u qatt ma kien hemm problemi bejn il-partijiet stante li dawn kienu kollha hbieb.

Fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta Lilian Abou Haidar Brincat ma kellha x'taqsam xejn ma' dan is-self, liema self sar lil zewgha wara s-separazzjoni taghhom u ghalhekk hi m'ghandha tbati l-ebda spejjez f'dan ir-rigward u lanqas l-ispejjez tal-mandati indikati.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakulta' moghtija lill-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub. Madankollu, hadd mid-diversi partijiet fil-kawza ma ghamel dan.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti thassar l-effetti ta' kuntratt ta' firda bejn iz-zewg konvenuti ghaliex sar in mala fede. Qed jitolbu wkoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimat Haidar iroddilhom lura flus mislufa. L-intimati jichdu l-mala fede. Ghalkemm l-intimat Michel Melham Abou Haidar jammetti li ssellef xi somom

ta’ flus minghand l-atturi, martu ssostni li s-self sar wara l-firda legali bejnha u zewgha.

L-Art. 1144 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

“***1144.*** *(1) Kull kreditur jista’ wkoll, f’ismu, jattakka l-atti maghmula b’qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b’titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b’titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur.*”

Ikkunsidrat illi l-principji tal-actio pauliana huma ben noti. Gew ampjament ribaditi recentement minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza “Cassar vs. St. John” (deciza mill-Imhallef L. Farrugia Sacco fit-8 ta’ Mejju 2013), ghal-liema kawza din il-Qorti kif presjeduta taghmel referenza.

Ta rilevanza ghall-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti llum, essenzjalment huwa l-element rikjest tal-qerq sabiex l-azzjoni tirnexxi.

F’ghajnejn din il-Qorti, mill-provi prodotti, dan l-element ma jirrizultax pruvat. L-intimata, fix-xhieda taghha taghti stampa cara tar-relazzjonijiet imfarrka bejnha u bejn zewgha li kien infatti ghamel zmien mahrub minn Malta. Huwa kien gie akkuzat b’reati relatati ma’ droga. Kien hemm ukoll zminijiet fejn lanqas kien imantni lil uliedu. Is-separazzjoni bejn il-konjugi saret f’dawn ic-cirkostanzi. Fil-fehma tal-Qorti kienet gustifikata. Ta’ min jinnota wkoll illi dak li ghadda lill-mara minn sehem ir-ragel permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni, kien sehmu tac-cens temporanju tad-dar u l-ghamara, altru minn xi somom ingenti li setghu jissodisfaw xi eventwali kredituri.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ghat-thassir tal-kuntratt ta’ separazzjoni qed tigi michuda ghaliex mhux misthoqqa.

Self

It-talbiet tar-rikorrenti dwar is-self huma ben pruvati, kemm mix-xhieda u dokumenti prodotti kif ukoll mill-ammissjoni tal-istess Michel Abou Haidar, li jsostni li, ghalkemm tassew issellef flus minghand iz-zewg rikorrenti, ma jaqbilx maghhom dwar ammonti, kemm dawk mislufa kif ukoll dawk il-pagamenti ga effettwati.

Mill-provi jirrizulta li Victor Spiteri tassew silef l-ammont ta' Lm3,600 (€8,386) lill-intimat. Infatti c-cheques li suppost thallas lura bihom (pero' li qatt ma setghu jissarrfu) dejjem kienu juru dan l-ammont (Dok. a fol. 47). Madankollu jirrizulta pruvat ukoll li l-intimat ghamel diversi pagamenti. Mir-ricevuti esebiti (fol. 94 et seq.) jirrizulta li ntraddet lura s-somma ta' €1,150. Ghalhekk jirrizulta li Victor Spiteri ghadu dovut is-somma ta' €7,236.

Min-naha l-ohra, ir-rikorrenti Cachia pprova li huwa silef l-ammont ta' Lm6,000 (€13,976) lill-intimat. Jirrizulta illi fit-12 ta' Dicembru 2002 inhareg cheque ta' dan l-ammont mill-intimat fuq il-kont ta' Judy Cachia. Dan ic-cheque issarraf fl-istess gurnata. Ir-rikorrenti Cachia, pero', jirrikonoxxi wkoll illi l-intimat radd lura s-somma ta' Lm600 (€1,398) f'erba' pagamenti ta' Lm150 'l wiehed. Jibqa' ghalhekk bilanc ta' Lm5,400 ekwivalenti ghal €12,579.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti ghaliex mhux misthoqqa; tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lil Michel Melham Abou Haidar ihallas lil Victor u Mary Grace konjugi Spiteri s-somma ta' sebat elef, mitejn u sitta u tletin Ewro (€7,236); tilqa' l-hames talba u tikkundanna lil Michel Melham Abou Haidar ihallas lil John Mary u Judy konjugi Cachia s-somma ta' tnax-il elf, hames mija u disgha u sebghin Ewro (€12,579), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti bejniethom u n-nofs l-iehor minn Michel Melham Abou Haidar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------